MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2012

Rikors Numru. 94/2012

**AV**
**vs**
**BC**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu fit-28 ta’ Dicembru 1996 u minn dan iz-zwieg huma ma kellhomx tfal;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati b’kuntratt datata 12 ta’ Dicembru 2002 (Dok A) atti Nutar Dr Fiona Farrugia;

Illi m’hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minhabba li ilhom is-snin mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi fl-imsemmi kuntratt il-kontendenti kienu ddekadew reciprokament milli jitolbu manteniment minghand xulxin;

Illi dawn il-fatti fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66 B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta tal-intimat li permezz taghha wara li ecepixxa:

Illi fl-ewwel lok huwa minnu illi l-partijiet ilhom separati de lege ghal aktar minn erba’ (4) snin u dan minn kif jirrizulta mill-kuntratt ta’ separazzjoni taghhom iffirmat fit-12 ta’ Dicembru 2002 fl-atti tan-Nutar Fiona Farrugia, liema kuntratt gie anness mar-rikors promutur;

Illi fit-tieni lok huwa minnu li ma hemmx kwistjonijiet ta’ manteniment peress illi qatt ma kien hemm tali obbligazzjoni minn u lejn xulxin għaliex huma irrinużjaw, u dan skont klawsola f’pagna numru 2 tal-imsemmi kuntratt ta’ separazzjoni tal-konjugi Cutajar li kien anness mar-rikors promutur;

Illi fit-tielet lok ma hemmx tama ghal rikonciljazzjoni peress illi l-esponenti qieghed f’relazzjoni stabbli ma’ terza persuna;

Ghaldaqstant l-esponenti ma hux jopponi ghat-talba tar-rikorrenti peress li jissussistu r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kodici Civili imma in vista tan-non opposizzjoni da parti tal-esponenti u li ma kienx huwa li ppropona dan id-divorzju, m’ghandux ibati l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri.

Rat id-digriet taghha tal-5 ta’ Marzu, 2012;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul; u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-12 ta’ Dicembru 2002;

Illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi fl-imsemmi kuntratt ta’ separazzjoni il-partijiet kienu iddekadew reciprokament milli jaghtu, jew jitolbu manteniment minghand xulxin u illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------